MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 16/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Paul Borg u l-istess Paul Borg**

**vs**

**Jason Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Jannar 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett miija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm369.83) rappresentanti in kwantu ghal Lm335.33, danni ikkagjonati fil-vettura ta' Paul Borg, inkwantu ghal Lm11.50, prezz ta' *survey* u in kwantu ghal Lm23 ghal erbat ijiem telf ta' uzu tal-vettura TUS 610 u dana b'rizultat ta'l-incident stradali li sehh fil-5

ta' Jannar 2003 fi Triq Dragonara, San Giljan waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura JAT 757 proprjeta ta' Albert Attard u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TUS 610 proprjeta ta' l-attur Paul Borg u misjuqa minn Redent Roderick Borg ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut Jason Galea kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz u u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-19 ta' Jannar 2004, fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' Redent Roderick Borg, minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' David Debono in rappresentanza tas-socjeta attrici, tas-surveyor Colin Cassar, ta' Redent Borg u Stephanie Cuschieri, kif ukoll tal-konvenut u ta' PS 1113 Emanuel Aquilina.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi dana l-incident tat-traffiku sehh fi Triq Dragonara gewwa San Giljan, meta is-sewwieq tal-vettura proprjeta ta'l-attur, Redent Roderick Borg, kien ser jikser sabiex jidhol gewwa il-*parking area* tad-Dragonara Hotel. Borg jikkontendi illi huwa kien qala xi ftit 'il barra sabiex ikun jista' jikser ghal taht il-mina li twassal ghal lukanda, u dana minhabba xi *poles* li kien hemm fit-triq. Huwa waqqaf u dana peress illi f'dak il-mument kienet hierga

vettura minn taht din il-mina u ghalhekk kellu jippermettielha tohrog qabel ma jidhol hu. Borg jikkontendi illi kien xeghel l-*indicator* hafna qabel ma waqqaf. Illi wara li harrget din il-vettura, u meta kien ghadu wieqaf, il-vettura tal-konvenut li kienet gejja minn warajh isorpassatu min-naha ta' gewwa tat-triq u cioe' min-naha tax-xellug tieghu u b'hekk huwa tkaxkar man-naha ta' quddiem tal-vettura tieghu tant illi anke qaccat l-*indicator* li instab iktar 'il fuq fit-triq u cioe' vicin fejn il-konvenut eventwalment waqqaf il-vettura tieghu. Ix-xhieda ta' Redent Borg hija korroborata mill-passiggiera li kienet riekba mieghu dak in-nhar ta'l-incident, certu Stephanie Cuschieri. Is-sewwieq ta' din il-vettura jikkontendi illi huwa kien sema' lill-konvenut gej minn warajh, ghaliex dana beda iwaqqaf u jerga' isuq, imbaghad f'salt minnhom semghu gej bi *speed* qawwi minn warajh, izda huwa ighid illi fl-ebda mument ma hares mill-mera sabiex jivverifika dana, izda baqa' dejjem ihares quddiemu.

Illi min-naha tieghu, l-konvenut jixhed mod iehor u jikkontendi illi huwa ma fehemx dak li kien bi hsiebu jaghmel Borg, izda ighid li rah iwaqqaf mal-genb tat-trqi u haseb li ghamel dan sabiex ikun jista' jitkellem fuq il-*mobile phone*. Hekk kif wasal hdejh u ghalhekk iddecieda li jisorpassah (u dana ghaliex hassbu li kien wieqaf), Borg qabad u kiser ghal fuqu. Huwa jichad illi ra xi vettura hierga minn taht il-mina tad-Dragonara u jichad ukoll li kien qieghed isuq b'xi *speed* eccessiv jew li kien qieghed isuq bl-iskossi, kif jikkontendi Redent Borg.

Ikkunsidra,

Illi huwa fatt mhux ikontestat illi Redent Borg kien wieqaf qabel ma sehh l-impatt.  Madanakollu t-Tribunal isibha kemmxejn difficli jemmen dak li jikkontendi il-konvenut u cioe' li Borg kien waqqaf mal-genb tat-triq, stante li l-iskizz juri mod iehor u cioe' illi kien hemm wiesgha bizzejjed kemm bejn il-vettura ta' Borg u in-naha tax-xellug tat-triq, kif ukoll lejn in-naha tal-lemin, tant illi minn kull naha setghet tghaddi vettura. Ciononostante huwa car illi l-konvenut ma fehmx is-sinjali li kien ghamel Borg tal-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel u cioe' tal-fatt illi huwa

kien ser jikser sabiex jidhol lejn il-Casino. Illi min-naha tieghu, ghalkemm Borg jixhed illi huwa sema li kien hemm vettura gejja minn warajh, tant illi semaghha gejja b'velocita kemmxejn eccessiva, huwa ma indenjax ruhu ihares lura mill-mera tieghu sabiex jivverifika din il-vettura x'kienet bi hsiebha taghmel u ghalhekk jipprova jevita l-incident billi jaghtih xi sinjal preventiv u car ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel.

Illi ghandu jinghad illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna kienet dejjem kostanti meta sahhqet illi meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street*, mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda irid jara ukoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa irid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li jkun ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser. (ara sentenzi P.A. 15/10/1995 – Hugh Zammit noe vs Raymond Debono; Qorti tal-Magistrati 01/03/1999 – Middle Sea Insurance Co.Ltd., vs Patrick Calleja). Inoltre l-artikolu 76 tal-Highway Code ighid: "*before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*."

Illi maghdud dan kollu, madankollu, ghandu jinghad ukoll illi l-konvenut jahti principalment ghal dan l-incident stante illi huwa ma messu qatt intenta jisorpassa l-vettura ta' Borg min-naha tax-xellug taghha u cioe' min-naha ta' gewwa, meta kien hemm spazju bizzejjed min-naha l-ohra tat-triq sabiex tippermettielu ighaddi komdu u ghalhekk l-verzjoni moghtija minnu hija wahda kemmxejn inverosimili. Kieku ghamel dan l-incident kien seta' jigi evitat. Illi l-artikolu 181 et seq tal-Kodici tat-Traffiku fit-Triq jivvjeta kategorikament li isir surpass meta sewwieq ma ikunx cert li ser jaghmel dana minghajr periklu ghalih u ghal haddiehor u cioe' kif intenta jaghmel l-konvenut, tant ghalhekk illi irrenda l-incident inevitabbli.

Fid-dawl ta' dana kollu, it-Tribunal iqies illi z-zewg sewwieqa kienu responsabbli ghal dan l-incident ghalkemm il-grad ta' responsabbilta' tal-konvenut ghall-istess huwa certament wiehed akbar u ghalhekk isib lill-konvenut responsabbli ghal dana l-incident fi grad ta' tlett

kwarti (3/4) u lil Redent Roderick Borg fi grad ta’ kwart (1/4).

Illi rigward il-quantum tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u ghalhekk it-Tribunal sejjer jistrieh fuq id-dokumenti esebieti minn David Debono u fuq is-survey report maghmul mis-surveyor Colin Cassar (Dokumenti DD1 sa DD4).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza fi grad ta’ tlett kwarti (3/4) u lis-sewwieq tal-vettura ta’l-attur fi grad ta’ kwart (1/4), u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt illi jilqa’ in parte l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa ukoll parzjalment t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u seba’ u sebghin ira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm277.37),bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut u kwart (1/4) mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------